# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 131/2016PA**

**Marvin Grech**

**vs**

**Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, u skond kif ħu ivverbaliżżat nhar it-Tnejn, 23 ta` Mejju 2016, is-Soċjeta Dimbros Ltd ġiet kjamata fil-kawża**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-7 ta` April 2016 li permezz tiegħu l-attur Marvin Grech talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallsu s-somma ta` elf, sebgħa u disgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,097.40ċ) danni sofferti minnu b'konsegwenza ta` inċident li sofra fl-20 ta` Lulju 2015 fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, meta waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Mazda MX5, bin-numru ta` reġistrazzjoni MGZ 002, sofra ħsarat fiha minħabba n-nuqqas tal-Kunsill li jottempora ruħu mal-obbliġu tiegħu li jagħmel manutenżjoni neċessarja tat-triq imsemmija, liema nuqqas irriżulta fl-istat diżastruż ta` din it-triq, bl-ispejjeż tal-ittra leġali datata 6 ta` Ottubru 2015 u tal-ittra uffiċjali numru 3275/2015 preżentata fil-21 ta` Diċembru 2015, u bl-imgħaxijiet leġali mid-data tal-inċident sad-data tal-ħlas.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut preżentata fid-19 ta` Mejju 2016 li permezz tagħha eċċepixxa li mhux responsabbli għall-allegat inċident stante li dejjem mexa mal-obbligi mposti fuqu.

Ra li fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 2016, il-Kunsill konvenut talab is-sejħa f'din il-kawża tas-soċjeta` Dimbros Limited, mingħajr ma ta raġuni għat-talba.

Ra li, b'digriet mogħti fit-23 ta` Mejju 2016, dan it-Tribunal diversament presjedut laqa' t-talba tal-Kunsill konvenut, u sejjaħ f'din il-kawża lis-soċjeta` kummerċjali Dimbros Ltd, filwaqt li ddifferixxa l-kawża għall-udjenza tal-20 ta` Ġunju 2016 għan-notifika u r-Risposta tas-soċjeta` hekk kjamata fil-kawża.

Ra li b'rikors preżentat fil-21 ta` Frar 2017, il-Kunsill konvenut talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta` dan it-Tribunal tas-7 ta` Frar 2017, u li l-istess Tribunal jordna minflok il-prosegwiment tal-proċedura tal-publikazzjoni fil-ġurnal lokali.

Ra d-digriet mogħti fl-14 ta` Marzu 2017 li permezz tiegħu dan it-Tribunal laqa' din it-talba tal-Kunsill konvenut.

Ra li minkejja li s-soċjeta` msejħa fil-kawża Dimbors Limited kienet debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ bil-mezzi tal-publikazzjoni u l-affissjoni, din naqset li tippreżenta Risposta, u lanqas dehret quddiem it-Tribunal biex tikkontesta t-Talba.

Ra l-provi mressqa mill-partijiet.

Sema' s-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-attur, u tal-Kunsill konvenut.

Ra n-noti ta` riferenzi preżentati mill-attur u mill-Kunsill konvenut wara li l-kawża ġiet trattata.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li l-attur qed jipprosegwi sabiex jiġi kumpensat għad-danni li jgħid li sofra fil-vettura tiegħu tat-tip Mazda MX5, reġistrata bin-numru MGZ 002, fl-20 ta` Lulju 2015, waqt li kien qed isuq fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, u li skond hu ġraw minħabba fl-istat diżastruż li dakinhar kienet tinsab fih din it-triq.

Il-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar, konvenut biex iwieġeb għal din it-talba, eċċepixxa li mhux responsabbli għall-allegat inċident billi dejjem mexa mal-obbligi mposti fuqu.

Fil-kors ta` din il-kawża, l-istess Kunsill konvenut talab is-sejħa f'din il-kawża tas-soċjeta` kummerċjali Dimbros Limited, biex twieġeb miegħu hija wkoll għat-talba attriċi. Din is-soċjeta` kummerċjali, debitament notifikata bl-avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, baqgħet kontumaċi.

L-attur Marvin Grech xehed li għandu karozza tat-tip Mazda MX5, bin-numru ta` reġistrazzjoni MGZ 002. Qal li din hija vettura *showcar*, li mhux soltu jsuqha fit-toroq; hija karozza sportiva, u baxxa. L-attur preżenta ritratti ta` din il-vettura, meħuda eżatt qabel ġara dan l-inċident.[1]

L-attur spjeġa li, fl-20 ta` Lulju 2015, saq din il-vettura fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, f'San Pawl il-Baħar. Qal li, f'dik il-ħabta, it-triq kienu għadhom kemm ksew biċċiet minnha bit-*tarmac*, u t-*tarmac* il-ġdid laħaq mexa, fis-sens li kellu biċċiet minnu f'livelli ogħla mill-biċċiet l-oħra. Qal li minħabba f'hekk, kien qed isuq bil-mod biex jevita li l-partijiet l-għoljin jaħbtu mal-qiegħ tal-karozza tiegħu. Huwa kompla jispjega li, f'ħin minnhom, ġie biex jitla' fuq *sleeping policeman* tal-plastik li hemm f'din it-triq, li fuqha kien hemm it-tarmac għoli, u *'l-karozza l-ewwel qisha niżlet f'toqba u mbagħad telgħet u allura qbadt l-ispoiler ta` taħt. Qrast il-mudguard, bil-konsegwenza anke*

[1] Dok. 'MG7', fol.49

*radiator mar'*.[2] L-attur qal li, dak il-ħin stess, informa lill-Kunsill Lokali bl-akkadut. Dawn talbuħ jirrapporta l-inċident lill-Puliżija Eżekuttiva, u huwa hekk għamel, u mbagħad sewwa l-ħsara. L-attur preżenta provi dokumentali kemm dwar ir-rapport li għamel lill-Puliżija Eżekuttiva[3], liema rapport kien konfermat ukoll mill-kuntistabbli Luke Ċamilleri[4], u anke dwar l-ispejjeż li nkorra biex sewwa l-ħsarat[5].

L-attur ikkonferma li nefaq is-somma ta` elf, u sebgħa u disgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,079.40ċ) biex sewwa dawn il-ħsarat.

In kontroeżami, l-attur spjega li lil din il-vettura kien żidilha diversi attrezzi addizzjonali. Minkejja dan, u minkejja li l-vettura hija baxxa, skond l-attur din qatt ma kienet tħakkek mat-triq meta tinstaq minn fuq *sleeping policemen*. Qal li bis-sistema ta` *coil overs* li għamlilha, il-vettura tista` titbaxxa mal-art, u tista` togħla sal-livell li kienet fih meta ħarġet mill-fabbrika. Dakinhar li kien qed isuqha u ġara dan l-inċident, skond l-attur, il-vettura kienet għolja daqskemm ħarġet mill-fabbrika. Mistoqsi kif setgħet baqgħet l-istess għoli jekk żidilha l-*ispoilers*, l-attur ma deherx li baqa' daqstant konvint minn din id-dikjarazzjoni tiegħu, u spjega li kien wasal għall-konklużjoni li baqgħet tal-istess għoli għaliex il-qiegħ tagħha baqa' ma jħokkx mat-triq meta tinstaq minn fuq *sleeping policement*.

In ri-eżami, l-attur ippuntwalizza li din il-vettura joħrogħa regolarment, u li qatt ma kellu inċidenti simili biħa.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tas-sejħiet li għamel, kemm bil-mezz tal-avukat tiegħu[6], u anke b'ittra uffiċjali[7], lill-Kunsill konvenut, biex iħallas għal dawn id-danni, liema sejħiet pero` ma ntlaqgħux.

---

[2] Aran xiehda tal-attur, 22.02.2017, fol.34
[3] Dok. 'MG1', fol.39 *et seq.*
[4] Dok. 'LC', fol.62
[5] Dok. 'MG3', fol.41-43; Dok. MR, fol.65
[6] Dok. 'MG4', fol.45
[7] Dok. 'MG5', fol.46-47

L-attur produċa wkoll b'xhud tiegħu lil Richard Fenech[8], it-tellar li sewwa l-ħsarat li ġarrbet din il-vettura f'dan l-inċident. Huwa kkonferma li eżegwixxa x-xogħlijiet, pero` ddikjara li kien għadu ma tħallasx. Spjeġa li l-ħsarat li sewwa kienu jikkonsistu fid-daqqa li kien hemm fil-*cross member* fin-naħa ta` taħt tal-vettura, li wasslet biex inqasam il-*bumper* bl-*ispoiler* ta` quddiem; il-ħsara fil-*mudguard*; u t-toqba fir-*radiator*.

Dwar l-għoli tal-vettura mit-triq, Fenech xehed li għandha għoli normali, u li dan jiddeduċih mill-fatt li fil-garaxx tiegħu niżlet komda mir-rampa li għandu, mingħajr ma l-qiegħ tagħha ħakk mal-art.

Minnaħa tiegħu, il-Kunsill konvenut produċa b'xhud tiegħu lill-Perit Graziella Galea[9], illum Sindku tal-lokalita` ta` San Pawl il-Baħar, u fi żmien l-inċident kunsillier fl-istess lokalita`. Ix-xhud ippuntwalizzat li l-ħofra li qed jilmenta minnħa l-attur ma kinetx fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, imma fi Triq Ġulju li tiġi parallela magħha.

Il-Kunsill konvenut preżenta dokumentazzjoni li, skond ix-xhud Galea, turi li x-xogħlijiet tat-*tarmac* f'din it-triq kienu saru mill-kumpanija msejħa fil-kawża Dimbros Limited, u li dan ix-xogħol kien ċertifikat li ma sarx skond is-sengħa u l-arti mill-perit William Lewis, għaliex it-*tarmac* kien tela' fuq l-*isleeping policeman*.[10] Ix-xhud żiedet tgħid li, dwar dan in-nuqqas, il-Kunsill konvenut kien għamel kawża lill-kuntrattur, liema kawża kienet għadha pendenti. Dan ix-xogħol kien sar fl-ewwel erba' xhur tas-sena 2015.

Ikkunsidra wkoll li:

Mill-kwadru tal-provi, jirriżulta pruvat li l-attur, filwaqt li kien qed isuq bi prudenza l-vettura tiegħu f'San Pawl il-Baħar, ħakk il-qiegħ tal-vettura tiegħu mal-wiċċ tat-tarmac fit-triq, u għamlilha l-ħsara. Il-Kunsill konvenut innifsu wera, bil-provi dokumentali prodotti minnu, li fiż-żmien in kwistjoni l-wiċċ tat-triq fejn seħħ l-inċident

---

[8] Ara xiehda, 22.02.2017, fol.37-38
[9] Ara xiehda, 12.07.2017
[10] Fol.140

verament ma kienx uniformi, u verament kellu *tarmac* ġdid f'livell ogħla mill-bqija tat-tarmac fit-triq.

Il-Kunsill konvenut jippretendi li m'għandux iġorr responsabbilta` għall-akkadut għaliex huwa kien inkariga terz (il-kjamat fil-kawża Dimbros Limited) biex jagħmel ix-xogħlijiet ta` tiswija fit-triq, u li meta x-xogħol ma sarx sew, kien inkariga perit u pproċeda bil-Qorti kontra l-kuntrattur. Il-Kunsill konvenuta ibbaża d-difiża tiegħu fuq ir-**Regolamenti 32** u **34** tar-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (L.S. 499.57).

Mill-banda 'l oħra, l-attur issottometta li dawn ir-Regolamenti jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-awtorita` pubblika, u l-kuntrattur, u mhux ukoll ir-relazzjoni privata bejn iċ-ċittadin u l-awtorita`. Barra minn hekk, l-attur argumenta li r-regolamenti li jistrieħ fuqhom il-Kunsill konvenut japplikaw biss waqt li l-kuntrattur ikun qed jeżegwixxi x-xogħlijiet, u mhux ukoll wara li dawn jitlestew.

It-Tribunal qies id-disposizzjonijiet kollha ċitati mill-partijiet, senjatament ir-**Regolamenti 32** sa **34** tar-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq. It-Tribunal pero` huwa tal-fehma li d-disposizzjoni li tiddetermina din il-vertenza hija r-**Regolament 8** tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja li jipprovdi kif ġej:

> 8. (1) F'azzjoni kontra l-Awtorità jew Kunsill Lokali dwar korriment jew ħsara li jirriżultaw min-nuqqas tagħhom li jżommu triq fi stat tajjeb, jista` jiġi ppruvat -
> (a) l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali jkunu ħadu ħsieb **li fiċ-ċirkostanzi kollha kif kien raġonevolment meħtieġ jiżguraw li l-parti tat-triq li dwarha tkun qed tittieħed l-azzjoni ma kenitx ta` periklu għat-traffiku**;
> …
> (2) Għall-finijiet ta` difiża taħt is-subregolament (1)(a) il-qorti għandha, b'mod partikolari, tieħu konjizzjoni tal-materji li ġejjin:
> (a) il-kwalità tat-triq, u t-traffiku li raġonevolment kien maħsub li se jużaħa;
> (b) il-livell ta` manutenżjoni adatta għal triq ta` kwalità bħal dik u l-użu tagħha minn dak it-traffiku
> bħal dik u l-użu tagħha minn dak it-traffiku;
> (ċ) l-istat ta` tiswija li fih persuna raġonevoli kienet tistenna li ssib it-triq;

> (d) jekk l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali kienux jafu, jew b'mod raġonevoli kienx mistenni li jkunu jafu, li l-kundizzjoni tal-parti tat-triq li dwarha tkun qed tittieħed l-azzjoni setgħet tikkawża periklu għall-utenti tat-triq;
> (e) fejn l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali ma kinux b'mod raġonevoli mistennija li jsewwu dik il-parti tat-triq qabel ma nqalgħet il-kawża tal-azzjoni, liema avviżi ta` twissija dwar il-kundizzjoni tagħha tpoġġew fil-post.
> Iżda, għall-finijiet ta` prova bħal dik, **ma għandux ikun rilevanti li jiġi ppruvat li l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali, skont ma jkun il-każ, għamlu l-arranġamenti biex kuntrattur awtoriżżat jagħmel jew jissorvelja l-manutenzjoni ta` dik il-parti tat-triq li magħha tkun marbuta l-azzjoni, ħlief jekk ikun ukoll ippruvat li l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali jkunu taw lil dak il-kuntrattur istruzzjonijiet kif xieraq dwar il-manutenżjoni tat-triq u li dan ikun wettaq dawk l-istruzzjonijiet**.

F'dan il-każ, il-Kunsill konvenut ammetta li x-xogħlijiet li wettaq il-kuntrattur fuq struzzjoni tiegħu, fuq din it-triq ċentrali fl-akwati saru ħażin, u li kien jaf b'dawk in-nuqqasijiet gravi tant li kellu rapport tekniku tal-perit inkarigat minnu li kien jelenkahom fid-dettall, u għab-bażi tiegħu pproċeda fil-Qorti kontra l-kuntrattur. Dan l-għarfien tal-Kunsill konvenut poġġa fuqu oneru akbar li jieħu l-passi kollha opportuni, u mingħajr dewmien, biex ix-xogħlijiet ħżiena jiġu rimedjati immedjatament, ħalli jnaqqas kemm jista` jkun, u possibilment jelimina, ir-riskji ta` inċidenti għas-sewwieqa u l-utenti tat-triq. F'dan il-każ, il-Kunsill konvenut ma ġab ebda prova li laħaq wettaq, jew kien qed iwettaq, ix-xogħlijiet rimedjali, fil-mument tal-okkorrenza mertu tal-kawża. Lanqas ma tressqet prova li kien hemm sinjali adegwati, kif raġjonevolment kien mistenni fiċ-ċirkostanzi tat-triq li jidhru fir-ritratti eżibiti mill-istess Kunsill, li jiġbdu l-attenzjoni tas-sewwieqa għad-difetti konsiderevoli li kien hemm fil-wiċċ ta` din it-triq. Konsegwentement, it-Tribunal jidhirlu li l-Kunsill konvenut naqas li jipprova d-difiża li ressaq, fit-termini stipulati fir-**Regolament 8** fuq ċitat.[11]

Kwantu għad-danni reklamati, it-Tribunal jidhirlu li l-attur irnexxielu jipprova, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, kemm it-telf attwali li ġarrab, kif ukoll in-ness kawżali bejn in-nuqqasijiet tal-konvenuti u l-istess danni.

---

[11] F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel tiegħu l-interpretazzjoni ta` din id-disposizzjoni mogħtija fis-sentenzi **Frankie Zammit vs Kunsill Lokali San Ġwann**, Tribunal Talbiet Żgħar, 10.01.2013 u **Gasanmamo Insurance Limited noe vs Kunsill Lokali Siġġiewi et**, Appell, 30.09.2015 ċitati fin-nota tal-attur

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi, fil-kontumaċja tal-kjamat fil-kawża Dimbros Limited, jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Kunsill Konvenut, u jilqa' t-talba attriċi kontra l-istess Kunsill konvenut, u s-soċjeta` Dimbros Limited, u konsegwentement jikkundannahom sabiex, solidalment bejniethom, iħallsu lill-attur is-somma ta` elf, sebgħa u disgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,097.40ċ), bl-imgħax leġali mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta` Diċembru 2015 sad-data tal-paġament sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-ispejjeż tal-ittra legali tas-6 ta` Ottubru 2015 u tal-imsemmija ittra uffiċjali tal-21 ta` Diċembru 2015 iħallsuhom l-istess Kunsill ta` San Pawl il-Baħar, u s-soċjeta` Dimbros Limited, solidalment bejniethom.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**